II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1910

**tas-7 ta' Novembru 2019**

**li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà tal-informazzjoni għas-sena ta' referenza 2020**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà tal-informazzjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni sistematika tal-istatistika Ewropea dwar is-soċjetà tal-informazzjoni.

(2) Hemm bżonn miżuri ta' implimentazzjoni biex tiġi ddeterminata liema *data* trid tingħata għat-tħejjija tal-istatistika fil-Modulu 1: "Intrapriżi u s-soċjetà tal-informazzjoni" u fil-Modulu 2: "Individwi, unitajiet domestiċi u s-soċjetà tal-informazzjoni", u biex jiġu ffissati l-iskadenzi għat-trażmissjoni tagħha.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-*data* li trid tiġi trażmessa biex tiġi prodotta l-istatistika Ewropea dwar is-soċjetà tal-informazzjoni fir-rigward tal-Modulu 1, "Intrapriżi u s-soċjetà tal-informazzjoni" u l-Modulu 2, "Individwi, unitajiet domestiċi u s-soċjetà tal-informazzjoni", imsemmija fl-Artikoli 3(2) u 4 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004, għandhom ikunu kif speċifikat fl-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 143, 30.4.2004, p. 49.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Novembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS I*

Modulu 1

**Intrapriżi u s-soċjetà tal-informazzjoni**

A. **Is-suġġetti u l-karatteristiċi tagħhom**

(1) is-suġġetti li jridu jiġu koperti għas-sena ta' referenza 2020, magħżula mil-lista fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 808/2004, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) l-użu tal-Internet u ta' networks elettroniċi oħra mill-intrapriżi;

(b) il-kummerċ elettroniku;

(c) il-proċessi tal-negozju elettroniku u aspetti organizzattivi;

(d) il-kompetenza fl-ICT fl-unità tal-intrapriża u l-bżonn ta' ħiliet fl-ICT;

(e) l-ostakli għall-użu tal-ICT, l-Internet, u networks elettroniċi oħra, il-kummerċ elettroniku u l-proċessi tan-negozju elettroniku;

(f) l-aċċess għal teknoloġiji u l-użu tagħhom li jipprovdu l-abbiltà ta' konnessjoni mal-Internet jew networks oħra minn kullimkien kull ħin (konnettività ubikwa).

(2) għandhom jingħabru dawn il-karatteristiċi tal-intrapriżi li ġejjin:

(a) l-użu tal-Internet u ta' networks elettroniċi oħra mill-intrapriżi

(i) għall-intrapriżi kollha:

— il-persuni impjegati jew persentaġġ tat-total tal-persuni impjegati li għandhom aċċess għall-Internet għal finijiet ta' negozju;

(ii) għall-intrapriżi li għandhom persuni impjegati b'aċċess għall-Internet għal finijiet ta' negozju:

— il-konnessjoni tal-Internet: kull tip ta' konnessjoni b'linja fissa;

— (fakultattiva) il-konnessjoni mal-Internet: il-forniment ta' tagħmir portabbli li jippermetti konnessjoni mobbli permezz ta' networks tat-telefonija mobbli, għal finijiet ta' negozju;

— li għandhom sit web;

— li għandhom servizz ta' chat għall-kuntatti mal-klijenti: servizz ta' chat biex il-persuna twieġeb lill-klijenti;

— li għandhom servizz ta' chat għall-kuntatti mal-klijenti: chatbot jew aġent virtwali li jwieġeb għall-klijenti;

(iii) għall-intrapriżi b'xi tip ta' konnessjoni b'linja fissa tal-Internet:

— veloċità massima għat-tniżżil ikkuntrattata tal-aktar konnessjoni b'linja fissa veloċi tal-Internet fil-firxiet: [0Mbit/s,< 30Mbit/s], [30 Mbit/s,< 100Mbit/s], [100 Mbit/s,< 500Mbit/s], [500 Mbit/s,< 1Gbit/s], [>=1Gbit/s];

— veloċità biżżejjed tal-konnessjoni b'linja fissa tal-Internet tal-intrapriża għall-ħtiġijiet proprji tal-intrapriżi;

(iv) għall-intrapriżi li lill-persuni impjegati tagħhom jipprovdulhom tagħmir portabbli li jippermetti konnessjoni mobbli tal-Internet permezz ta' networks tat-telefonija mobbli, għal finijiet ta' negozju:

— (fakultattiva) il-persuni impjegati jew persentaġġ tat-total tal-persuni impjegati li jużaw tagħmir portabbli mogħti mill-intrapriża, li jippermetti konnessjoni tal-Internet permezz ta' networks tat-telefonija mobbli, għal finijiet ta' negozju;

(v) għall-intrapriżi li għandhom sit web, informazzjoni dwar il-forniment tal-faċilitajiet li ġejjin:

— deskrizzjoni tal-oġġetti jew tas-servizzi, informazzjoni dwar il-prezzijiet;

— ordnijiet jew riżervi jew ibbukkjar online, bħal pereżempju shopping cart;

— il-possibbiltà li l-viżitaturi jippersonalizzaw jew jiddisinjaw l-oġġetti jew is-servizzi online;

— traċċar jew informazzjoni dwar l-istatus tal-ordnijiet li jkunu saru;

— kontenut ippersonalizzat fuq is-sit web għall-viżitaturi regolari/rikorrenti;

— links jew referenzi għall-profili tal-midja soċjali tal-intrapriża.

(b) il-kummerċ elettroniku

(i) għall-intrapriżi li għandhom persuni impjegati b'aċċess għall-Internet għal finijiet ta' negozju:

— il-bejgħ bl-Internet (ordnijiet jew riżervi jew ibbukkjar magħmulin mill-klijenti) permezz ta' siti web jew apps tal-intrapriża stess (inkluż l-estranets), fis-sena kalendarja preċedenti;

— il-bejgħ bl-Internet (ordnijiet jew riżervi jew ibbukkjar magħmulin mill-klijenti) permezz ta' siti web jew apps fis-suq tal-kummerċ elettroniku użati minn diversi intrapriżi għall-kummerċ ta' oġġetti jew servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti;

— ordnijiet ta' oġġetti jew servizzi magħmula mill-klijenti tal-intrapriża permezz ta' messaġġi tat-tip EDI (bejgħ tat-tip EDI), fis-sena kalendarja preċedenti;

(ii) għall-intrapriżi li kellhom bejgħ bl-Internet permezz ta' siti web jew apps fis-sena kalendarja preċedenti:

— il-valur tal-fatturat li jirriżulta mill-bejgħ bl-Internet permezz ta' siti web jew apps, espress f'ċifri assoluti jew bħala persentaġġ tal-fatturat totali, fis-sena kalendarja preċedenti;

— persentaġġ tal-fatturat li ġej mill-bejgħ bl-Internet permezz ta' siti web jew apps, imqassam skont il-bejgħ bl-Internet permezz ta' siti web jew apps tal-intrapriża stess (inkluż l-estranets) u il-bejgħ bl-Internet permezz ta' siti web jew apps tas-suq tal-kummerċ elettroniku użati minn diversi intrapriżi għall-kummerċ ta' oġġetti jew servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti;

— persentaġġ tal-valur tal-fatturat iġġenerat mill-bejgħ bl-Internet permezz ta' siti web jew apps, imqassam skont il-bejgħ lil konsumaturi privati (minn negozju għal konsumatur: B2C), u l-bejgħ lil intrapriżi oħra (minn negozju għal negozju: B2B) u lis-settur pubbliku (minn negozju għall-gvern: B2G), fis-sena kalendarja preċedenti;

(iii) għall-intrapriżi li kellhom bejgħ bl-Internet permezz ta' siti web jew apps fis-suq tal-kummerċ elettroniku użati minn diversi intrapriżi għall-kummerċ ta' oġġetti jew servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti:

— (fakultattiva) l-għadd ta' siti web jew apps fis-suq tal-kummerċ elettroniku li permezz tagħhom l-intrapriża kellha bejgħ bl-Internet fis-sena kalendarja preċedenti: waħda, tnejn, aktar minn tnejn;

(iv) għall-intrapriżi li kellhom bejgħ bl-Internet permezz ta' żewġ siti web jew apps jew aktar fis-suq tal-kummerċ elettroniku użati minn diversi intrapriżi għall-kummerċ ta' oġġetti jew servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti:

— (fakultattiva) informazzjoni jekk aktar minn nofs il-fatturat minn siti web jew apps fis-suq tal-kummerċ elettroniku kien iġġenerat minn suq wieħed biss tal-kummerċ elettroniku, fis-sena kalendarja preċedenti;

(v) għall-intrapriżi li kellhom bejgħ tat-tip EDI ta' oġġetti jew servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti:

— il-valur tal-fatturat li ġej mill-bejgħ tat-tip EDI ta' oġġetti jew servizzi, espress f'ċifri assoluti jew bħala persentaġġ tal-fatturat totali, fis-sena kalendarja preċedenti.

(c) il-proċessi tal-negozju elettroniku u aspetti organizzattivi

(i) għall-intrapriżi kollha:

— l-użu tal-printers 3D tal-intrapriża, inkluż printers 3D mikrija jew imwellija, fis-sena kalendarja preċedenti;

— l-użu ta' servizzi tal-istampar 3D mogħtija minn intrapriżi oħra, fis-sena kalendarja preċedenti;

— l-użu ta' robots industrijali;

— l-użu ta' robots tas-servizz;

(ii) għall-intrapriżi li għandhom persuni impjegati b'aċċess għall-Internet għal finijiet ta' negozju:

— fatturi mibgħuta b'format elettroniku, bi struttura standard adattata għall-ipproċessar awtomatizzat (fatturi elettroniċi), minbarra t-trażmissjoni ta' fajls PDF, fis-sena kalendarja preċedenti;

— fatturi mibgħuta b'format elettroniku, mhux adattati għall-ipproċessar awtomatizzat, inkluż it-trażmissjoni ta' fajls PDF, fis-sena kalendarja preċedenti;

— fatturi mibgħuta b'format stampat, fis-sena kalendarja preċedenti;

— it-twettiq ta' analiżi tal-Big Data bl-użu ta' *data* minn tagħmir jew sensers intelliġenti bħala sors tad-*data*, minbarra l-analiżi tal-Big Data mwettqa minn fornituri esterni tas-servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti;

— it-twettiq ta' analiżi tal-Big Data bl-użu ta' *data* tal-ġeolokazzjoni minn tagħmir portabbli bħala sors tad-*data*, minbarra l-analiżi tal-Big Data mwettqa minn fornituri esterni tas-servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti;

— it-twettiq ta' analiżi tal-Big Data bl-użu ta' *data* ġġenerata mill-midja soċjali bħala sors tad-*data*, minbarra l-analiżi tal-Big Data mwettqa minn fornituri esterni tas-servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti;

— it-twettiq ta' analiżi tal-Big Data bl-użu ta' sorsi tal-Big Data għajr it-tagħmir u s-sensuri intelliġenti, id-*data* tal-ġeolokazzjoni mit-tagħmir portabbli, jew id-*data* ġġenerata mill-midja soċjali bħala sors tad-*data*, minbarra l-analiżi tal-Big Data mwettqa minn fornituri esterni tas-servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti;

— li jkollhom intrapriża jew organizzazzjoni oħra li jwettqu analiżi tal-Big Data għall-intrapriża, fis-sena kalendarja preċedenti;

— (fakultattiva) l-użu ta' tagħmir jew sistemi interkonnessi li jistgħu jiġu ssorveljati jew ikkontrollati mill-bogħod permezz tal-Internet (l-Internet tal-Oġġetti), għajr l-użu ta' kompjuters, smartphones, printers;

(iii) għall-intrapriżi li bagħtu fatturi b'format elettroniku, bi struttura standard adattata għall-ipproċessar awtomatizzat (fatturi elettroniċi), minbarra t-trażmissjoni ta' fajls PDF, fis-sena kalendarja preċedenti:

— (fakultattiva) persentaġġ ta' fatturi elettroniċi mill-fatturi kollha mibgħuta, jew persentaġġ tal-fatturi elettroniċi mill-fatturi kollha mibgħuta f'dawn il-firxiet li ġejjin: [0,< 10], [10,< 25], [25,< 50], [50, < 75], [>=75], fis-sena kalendarja preċedenti;

(iv) għall-intrapriżi li wettqu analiżi tal-Big Data huma stess jew li twettqet analiżi tal-Big Data minn intrapriża jew organizzazzjoni oħra għalihom, fis-sena kalendarja preċedenti:

— bejgħ (aċċess għal) tal-Big Data tagħhom stess, fis-sena kalendarja preċedenti;

— xiri (aċċess għal) ta' Big Data, fis-sena kalendarja preċedenti;

(v) għall-intrapriżi li wettqu analiżi tal-Big Data, minbarra l-analiżi tal-Big Data mwettqa minn fornitur estern tas-servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti, il-metodu użat:

— tagħlim awtomatiku (bħat-tagħlim profond);

— ipproċessar ta' lingwa naturali, ġenerazzjoni ta' lingwa naturali jew għarfien tat-taħdit;

— metodi għall-analiżi tal-Big Data għajr it-tagħlim awtomatiku (bħat-tagħlim profond) jew l-ipproċessar ta' lingwa naturali, il-ġenerazzjoni ta' lingwa naturali jew l-għarfien tat-taħdit;

(iv) għall-intrapriżi li ma wettqux analiżi tal-Big Data huma stess jew li ma twettqitx analiżi tal-Big Data minn intrapriża jew organizzazzjoni oħra għalihom, fis-sena kalendarja preċedenti:

— (fakultattiva) kunsiderazzjoni tat-twettiq ta' analiżi tal-Big Data mill-impjegati stess jew minn intrapriżi jew organizzazzjonijiet oħrajn

(vii) għall-intrapriżi li jużaw l-istampar 3D, fis-sena kalendarja preċedenti:

— l-istampar ta' prototipi jew mudelli għall-bejgħ;

— l-istampar ta' prototipi jew mudelli għal użu intern;

— l-istampar ta' oġġetti għall-bejgħ, għajr prototipi u mudelli;

— l-istampar ta' oġġetti biex jintużaw fil-proċess tal-produzzjoni tal-intrapriża, għajr prototipi jew mudelli;

(viii) għall-intrapriżi li jużaw tagħmir jew sistemi interkonnessi li jistgħu jiġu ssorveljati jew ikkontrollati mill-bogħod permezz tal-Internet (l-Internet tal-Oġġetti), l-użu ta':

— (fakultattiva) miters intelliġenti, bozoz intelliġenti, termostati intelliġenti biex jiġi ottimizzat il-konsum tal-enerġija fil-bini tal-intrapriża (imħażen, siti tal-produzzjoni, siti tad-distribuzzjoni);

— (fakultattiva) sensuri, tags tal-Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju jew tal-Protokoll tal-Internet (IP) jew ta' kameras ikkontrollati bl-Internet biex jitjieb is-servizz lill-klijenti, jiġu ssorveljati l-attivitajiet tal-klijenti jew tiġi offruta esperjenza personalizza tax-xiri (skontijiet immirati u rilevanti, self-checkout);

— (fakultattiva) sensuri tal-moviment jew tal-manutenzjoni biex jintraċċaw il-moviment ta' vetturi jew prodotti, biex tiġi offruta manutenzjoni bbażata fuq il-kundizzjonijiet tal-vetturi;

— (fakultattiva) sensuri jew tags tal-Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju biex jissorveljaw jew jawtomatizzaw il-proċessi tal-produzzjoni, jimmaniġġjaw il-loġistika, isegwu l-moviment tal-prodotti;

— (fakultattiva) tagħmir jew sistemi tal-Internet tal-Oġġetti, għajr il-miters intelliġenti, il-bozoz intelliġenti, it-termostati intelliġenti li jottimizzaw il-konsum tal-enerġija fil-bini tal-intrapriża, sensuri, tags tal-Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju jew tal-Protokoll tal-Internet (IP) jew kameras ikkontrollati bl-Internet biex jitjieb is-servizz lill-klijenti, jiġu ssorveljati l-attivitajiet tal-klijenti jew tiġi offruta esperjenza personalizza tax-xiri, sensuri tal-moviment jew tal-manutenzjoni biex jintraċċaw il-moviment ta' vetturi jew prodotti, biex tiġi offruta manutenzjoni bbażata fuq il-kundizzjonijiet tal-vetturi, sensuri jew tags tal-Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju biex jissorveljaw jew jawtomatizzaw il-proċessi tal-produzzjoni, jimmaniġġjaw il-loġistika, isegwu l-moviment tal-prodotti;

(ix) għall-intrapriżi li jużaw robots tas-servizz, l-għan tal-użu:

— kompiti ta' sorveljanza, sigurtà jew spezzjoni;

— trasport tan-nies jew tal-oġġetti;

— kompiti ta' tindif jew rimi tal-iskart;

— sistemi ta' ġestjoni tal-imħażen;

— xogħlijiet tal-assemblaġġ imwettqa minn robots tas-servizz;

— kompiti robotiċi ta' skrivan tal-imħażen;

— xogħol ta' kostruzzjoni jew xogħol ta' tiswija ta' danni.

(d) il-kompetenza fl-ICT fl-unità tal-intrapriża u l-bżonn ta' ħiliet fl-ICT

(i) għall-intrapriżi kollha:

— l-ingaġġ ta' speċjalisti fl-ICT;

— l-għoti ta' xi tip ta' taħriġ għall-iżvilupp ta' ħiliet relatati mal-ICT lill-ispeċjalisti fl-ICT, fis-sena kalendarja preċedenti;

— l-għoti ta' xi tip ta' taħriġ għall-iżvilupp ta' ħiliet relatati mal-ICT lil persuni oħra impjegati, fis-sena kalendarja preċedenti;

— ir-reklutaġġ jew it-tentattiv ta' reklutaġġ ta' speċjalisti fl-ICT fis-sena kalendarja preċedenti;

— (fakultattiva) it-twettiq ta' funzjonijiet tal-ICT (bħall-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-ICT, l-appoġġ tas-softwer tal-uffiċċju, l-iżvilupp jew l-appoġġ ta' softwer/sistemi tal-ġestjoni tan-negozju u/jew ta' soluzzjonijiet tal-web, is-sigurtà u l-protezzjoni tad-*data*) mill-impjegati stess (fosthom dawk impjegati fl-intrapriżi ewlenija jew affiljati) fis-sena kalendarja preċedenti;

— it-twettiq tal-funzjonijiet tal-ICT (bħall-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-ICT, l-appoġġ tas-softwer tal-uffiċċju, l-iżvilupp jew l-appoġġ ta' softwer/sistemi tal-ġestjoni tan-negozju u/jew ta' soluzzjonijiet tal-web, is-sigurtà u l-protezzjoni tad-*data*) minn fornituri esterni, fis-sena kalendarja preċedenti;

(ii) għall-intrapriżi li rreklutaw jew ippruvaw jirreklutaw speċjalisti fl-ICT fis-sena kalendarja preċedenti:

— postijiet tax-xogħol battala għall-ispeċjalisti fl-ICT li kien diffiċli biex jimtlew;

(iii) għall-intrapriżi b'postijiet tax-xogħol battala li kienu diffiċli biex jimtlew, informazzjoni dwar id-diffikultajiet li ġejjin biex jiġu rreklutati speċjalisti speċjalisti fl-ICT fis-sena kalendarja preċedenti:

— (fakultattiva) diffikultajiet biex jiġu rreklutati speċjalisti fl-ICT minħabba nuqqas ta' applikazzjonijiet, fis-sena kalendarja preċedenti;

— (fakultattiva) diffikultajiet biex jiġu rreklutati speċjalisti tal-ICT għax l-applikant ma jkollhomx il-kwalifiki rilevanti relatati mal-ICT mill-edukazzjoni u/jew mit-taħriġ, fis-sena kalendarja preċedenti;

— (fakultattiva) diffikultajiet biex jiġu rreklutati speċjalisti fl-ICT għax l-applikant ma jkollhomx l-esperjenza tax-xogħol rilevanti, fis-sena kalendarja preċedenti;

— (fakultattiva) diffikultajiet biex jiġu rreklutati speċjalisti fl-ICT minħabba aspettattivi għoljin ħafna tal-applikanti fejn jidħol is-salarju, fis-sena kalendarja preċedenti.

(e) l-ostakli għall-użu tal-ICT, l-Internet, u networks elettroniċi oħra, il-kummerċ elettroniku u l-proċessi tan-negozju elettroniku

(i) għall-intrapriżi li ma wettqux analiżi tal-Big Data huma stess jew li ma twettqitx analiżi tal-Big Data minn intrapriża jew organizzazzjoni oħra għalihom, fis-sena kalendarja preċedenti, iżda li ġieli kkunsidraw li jwettqu analiżi tal-Big Data, ir-raġunijiet għalfejn ma wettqux l-analiżi tal-Big Data:

— (fakultattiva) l-ispejjeż għoljin ħafna meta mqabbla mal-benefiċċji;

— (fakultattiva) nuqqas ta' riżorsi umani, għarfien, ħiliet biżżejjed;

— (fakultattiva) nuqqas ta' sorsi biżżejjed tal-Big Data, fi ħdan l-intrapriża jew minn barra, li jkunu meħtieġa biex issir l-analiżi tal-Big Data;

— (fakultattiva) nuqqas ta' infrastruttura biżżejjed tal-ICT;

— (fakultattiva) diffikulajiet fejn tidħol il-konformità mal-ligijiet tal-privatezza;

— (fakultattiva) mhix prijorità għall-intrapriża;

— (fakultattiva) nuqqas ta' kwalità biżżejjed fejn jidħlu s-sors(i) tal-Big Data;

— (fakultattiva) l-analiżi tal-Big Data mhix utli għall-intrapriża;

— (fakultattiva) fatturi oħra.

(f) l-aċċess għal teknoloġiji u l-użu tagħhom li jipprovdu l-abbiltà ta' konnessjoni mal-Internet jew networks oħra minn kullimkien kull ħin (konnettività ubikwa)

(i) għall-intrapriżi li għandhom persuni impjegati b'aċċess għall-Internet għal finijiet ta' negozju:

— ix-xiri ta' servizzi tal-cloud computing bl-Internet, għajr is-servizzi mingħajr ħlas;

(ii) għall-intrapriżi b'persuni impjegati li għandhom aċċess għall-Internet għal finijiet ta' negozju u li xtraw servizzi tal-cloud computing bl-Internet, ix-xiri ta':

— email bħala servizz tal-cloud computing;

— softwer tal-uffiċċju bħala servizz tal-cloud computing;

— ospitar tal-bażi(jiet) tad-*data* tal-intrapriża bħala servizz tal-cloud computing;

— ħżin tal-fajls bħala servizz tal-cloud computing;

— softwer tal-finanzi jew tal-kontabbiltà bħala servizz tal-cloud computing;

— Ġestjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti (CRM), softwer għall-ġestjoni tal-informazzjoni dwar il-klijenti, bħala servizz tal-cloud computing;

— potenza komputazzjonali biex jitħaddem is-softwer li tuża l-intrapriża bħala servizz tal-cloud computing.

(3) Din l-informazzjoni kuntestwali li ġejja għandha tingħabar mingħand l-intrapriżi kollha, jew għandha tinkiseb mingħand sorsi alternattivi:

— l-attività ekonomika ewlenija tal-intrapriża fis-sena kalendarja preċedenti;

— l-għadd medju ta' persuni impjegati fis-sena kalendarja preċedenti;

— il-valur totali tal-fatturat, mingħajr il-VAT, fis-sena kalendarja preċedenti.

B. **Kopertura**

Il-karatteristiċi speċifikati fil-punti (2) u (3) tat-Taqsima A għandhom jingħabru għall-kategoriji ta' intrapriżi li ġejjin:

(1) l-attività ekonomika: l-intrapriżi kklassifikati fil-kategoriji tan-NACE Rev. 2 li ġejjin:

| **Kategorija tan-NACE Rev. 2** | **Deskrizzjoni** |
|---|---|
| It-Taqsima B | Manifattura |
| It-Taqsimiet D, E | Provvista tal-elettriku, tal-gass, tal-fwar u tal-arja kkundizzjonata, provvista tal-ilma, sistema tad-drenaġġi, l-immaniġġar tal-iskart u attivitajiet ta' rimedjazzjoni |
| It-Taqsima F | Kostruzzjoni |
| It-Taqsima G | Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut; tiswija ta' vetturi motorizzati u muturi |
| It-Taqsima H | Trasport u ħażna |
| It-Taqsima I | Akkomodazzjoni u attivitajiet tas-servizzi tal-ikel |
| It-Taqsima J | Informazzjoni u komunikazzjoni |
| It-Taqsima L | Attivitajiet tal-proprjetà immobbli |
| Id-Diviżjonijiet 69-74 | Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi |
| It-Taqsima N | Attivitajiet tas-servizzi amministrattivi u ta' appoġġ |
| Il-Grupp 95.1 | Tiswija tal-kompjuters u tat-tagħmir tal-komunikazzjoni; |

(2) id-daqs tal-intrapriża: intrapriżi b'10 persuni impjegati jew aktar. Intrapriżi b'inqas minn 10 persuni impjegati jistgħu jiġu koperti b'mod fakultattiv;

(3) l-ambitu ġeografiku: intrapriżi li jinsabu f'xi parti tat-territorju tal-Istat Membru.

C. **Perjodi ta' Referenza**

Il-perjodu ta' referenza hu s-sena 2019 għall-karatteristiċi li jirreferu għas-sena kalendarja preċedenti. Il-perjodu ta' referenza hu s-sena 2020 għall-karatteristiċi l-oħra.

D. **Ikkategorizzar tad-*data***

Għandhom jingħataw il-karatteristiċi kuntestwali li ġejjin rigward is-suġġetti u l-karatteristiċi tagħhom elenkati fil-punt (2) tat-Taqsima A:

(1) ikkategorizzar tal-attività ekonomika: skont l-aggregati tan-NACE Rev. 2 li ġejjin:

| **Aggregazzjoni tan-NACE Rev. 2**<br>għall-kalkolu possibbli tal-aggregati nazzjonali |
|---|
| 10 + 11 + 12 + 13 + 14 + 15 + 16 + 17 + 18 |
| 19 + 20 + 21 + 22 + 23 |
| 24 + 25 |
| 26 + 27 + 28 + 29 + 30 + 31 + 32 + 33 |
| 35 + 36 + 37 + 38 + 39 |
| 41 + 42 + 43 |
| 45 + 46 + 47 |
| 47 |
| 49 + 50 + 51 + 52 + 53 |
| 55 |
| 58 + 59 + 60 + 61 + 62 + 63 |
| 68 |
| 69 + 70 + 71 + 72 + 73 + 74 |
| 77 + 78 + 79 + 80 + 81 + 82 |
| 26.1 + 26.2 + 26.3 + 26.4 + 26.8 + 46.5 + 58.2 + 61 + 62 + 63.1 + 95.1 |

| **Aggregazzjoni tan-NACE Rev. 2**<br>għall-kalkolu possibbli tal-aggregati Ewropej |
|---|
| 10 + 11 + 12 |
| 13 + 14 + 15 |
| 16 + 17 + 18 |
| 26 |
| 27 + 28 |
| 29 + 30 |
| 31 + 32 + 33 |
| 45 |
| 46 |
| 55 + 56 |
| 58 + 59 + 60 |
| 61 |
| 62 + 63 |
| 77 + 78 + 80 + 81 + 82 |
| 79 |
| 95.1 |

(2) ikkategorizzar skont il-klassijiet tad-daqs: id-*data* għandha tiġi kkategorizzata skont il-klassijiet tad-daqs li ġejjin skont l-għadd ta' persuni impjegati:

| **Klassi tad-daqs** |
|---|
| 10 persuni impjegati jew aktar |
| minn 10 sa 49 persuna impjegata |
| minn 50 sa 249 persuna impjegata |
| 250 persuna impjegata jew aktar |

Meta kopert, l-ikkategorizzar tad-*data* għandu jingħata skont it-tabella li ġejja:

| **Klassi tad-daqs** |
|---|
| |
| minn 0 sa 9 persuni impjegati (fakultattiva)<br>minn 2 sa 9 persuni impjegati (fakultattiva)<br>minn 0 sa 1 persuna impjegata (fakultattiva) |

E. **Perjodiċità**

Id-*data* stipulata f'dan l-Anness għandha tingħata darba għas-sena 2020.

F. **Skadenzi għat-trażmissjoni tar-riżultati**

(1) Id-*data* aggregata msemmija fl-Artikolu 6 u fl-Anness I(6) tar-Regolament (KE) Nru 808/2004, immarkata fejn meħtieġ bħala kunfidenzjali jew mhux affidabbli, għandha tiġi trażmessa lill-Eurostat sal-5 ta' Ottubru 2020. Sa dakinhar, is-sett tad-*data* għandu jiġi ffinalizzat, ivvalidat u aċċettat.

(2) Il-*metadata* msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 ([1]) għandha tintbagħat lill-Eurostat sal-31 ta' Mejju 2020.

(3) Ir-rapport tal-kwalità msemmi fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandu jintbagħat lill-Eurostat sal-5 ta' Novembru 2020.

(4) Id-*data* u l-*metadata* għandhom jintbagħtu lill-Eurostat, permezz tas-servizzi tal-Punt Uniku ta' Servizz, skont l-istandard tal-iskambju speċifikat mill-Eurostat. Il-*metadata* u r-rapport tal-kwalità għandhom jintbagħtu skont l-istruttura tal-*metadata* standard iddefinita mill-Eurostat.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 49).

*ANNESS II*

Modulu 2

**Individwi, familji u s-soċjetà tal-informazzjoni**

A. **Is-suġġetti u l-karatteristiċi tagħhom**

(1) is-suġġetti li jridu jiġu koperti għas-sena ta' referenza 2020, magħżula mil-lista fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 808/2004, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) l-aċċess għall-ICT u l-użu tiegħu, minn individwi u/jew familji;

(b) l-użu tal-Internet u networks elettroniċi oħra għal finijiet differenti, minn individwi u/jew familji;

(c) is-sigurtà u l-fiduċja fl-ICT;

(d) l-ostakli għall-użu tal-ICT u l-Internet;

(e) l-użu tal-ICT minn individwi għall-iskambju tal-informazzjoni u servizzi mal-amministrazzjonijiet governattivi u pubbliċi (il-gvern elettroniku);

(2) għandhom jingħabru l-karatteristiċi li ġejjin:

(a) -aċċess għall-ICT u l-użu tiegħu, minn individwi u/jew familji

(i) għall-familji kollha:

— l-aċċess għall-Internet mid-dar (b'xi tagħmir);

(ii) għall-familji li għandhom aċċess għall-Internet:

— il-konnessjoni tal-Internet: il-konnessjoni broadband fissa;

— il-konnessjoni tal-Internet: il-konnessjoni broadband mobbli (permezz ta' network tat-telefonija mobbli ta' mill-inqas 3G);

— (fakultattiva) il-konnessjoni mal-Internet: l-aċċess dial-up bil-linja telefonika normali jew bl-ISDN;

— (fakultattiva) il-konnessjoni mal-Internet: il-konnessjoni narrowband mobbli (permezz ta' network tat-telefonija mobbli ta' inqas minn 3G);

(b) l-użu tal-Internet għal raġunijiet differenti minn individwi u/jew familji

(i) għall-individwi kollha:

— l-aktar użu riċenti tal-Internet, f'xi post, ikun xi jkun it-tagħmir użat: f'dawn l-aħħar tliet xhur, bejn tliet xhur u sena ilu, aktar minn sena ilu, qatt ma użaw l-Internet;

(ii) għall-individwi li użaw l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur:

— il-frekwenza medja tal-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: kuljum jew kważi kuljum, mill-inqas darba fil-ġimgħa (iżda mhux kuljum), inqas minn darba fil-ġimgħa;

— użu tal-Internet (inkluż bl-apps) f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex jintbagħtu u jintlaqgħu l-emails;

— użu tal-Internet (inkluż bl-apps) f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex isiru telefonati (inkluż sejħiet bil-vidjo) bl-Internet;

— użu tal-Internet (inkluż bl-apps) f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati ta' parteċipazzjoni f'networks soċjali (il-ħolqien ta' profil tal-utent, it-tqegħid ta' messaġġi jew kontributi oħra);

— użu tal-Internet (inkluż bl-apps) f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati ta' użu ta' messaġġi instantanji (skambji ta' messaġġi);

— użu tal-Internet (inkluż bl-apps) f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex tinstab informazzjoni dwar oġġetti jew servizzi;

— użu tal-Internet (inkluż bl-apps) f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex jinqraw is-siti web tal-aħbarijiet, il-gazzetti jew ir-rivisti tal-aħbarijiet online;

— użu tal-Internet (inkluż bl-apps) f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati għall-kondiviżjoni jew il-pubblikazzjoni ta' vidjos maħluqa mill-persuna stess, ritratti, mużika, testi eċċ. fuq sit web jew b'app;

— użu tal-Internet (inkluż bl-apps) f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati għas-smigħ tal-mużika (eż. ir-radju fuq l-Internet, streaming tal-mużika) jew għat-tniżżil tal-mużika;

— użu tal-Internet (inkluż bl-apps) f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jara streaming tat-televixin bl-Internet (dirett jew ripetizzjoni) mix-xandara tat-televixin;

— użu tal-Internet (inkluż bl-apps) f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jara l-Video on Demand mingħand servizzi kummerċjali;

— użu tal-Internet (inkluż bl-apps) f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jara kontenut vidjo mingħand servizzi tal-kondiviżjoni;

— użu tal-Internet (inkluż bl-apps) f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jilgħab jew iniżżel il-logħob;

— użu tal-Internet (inkluż bl-apps) f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati ta' tiftix tal-informazzjoni marbuta mas-saħħa (dwar kwistjonijiet bħal korrimenti, mard, nutrizzjoni, titjib tas-saħħa);

— użu tal-Internet (inkluż bl-apps) f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati ta' ffissar ta' appuntament mat-tabib permezz ta' sit web jew app (bħalma hu sptar jew ċentru tal-kura tas-saħħa);

— użu tal-Internet (inkluż bl-apps) f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed jilgħab jew iniżżel il-logħob;

— użu tal-Internet (inkluż bl-apps) f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex wieħed juża servizzi tas-saħħa oħra permezz ta' sit web jew app minflok ma jkollu jmur l-isptar jew iżur it-tabib (bħal biex jikseb riċetta jew konsultazzjoni online)

— użu tal-Internet (inkluż bl-apps) f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati għall-bejgħ ta' oġġetti jew servizzi permezz ta' sit web jew app;

— użu tal-Internet (inkluż bl-apps) f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati għall-ibbankjar bl-Internet permezz ta' sit web jew app;

— użu ta' spazju tal-ħżin fuq l-Internet (cloud computing) f'dawn l-aħħar tliet xhur għal finijiet privati biex jinħażnu dokumenti, ritratti, mużika, vidjos jew fajls oħra;

— użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur biex isiru attivitajiet tat-tagħlim għal finijiet edukattivi, professjonali jew privati, biex isir kors online;

— użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur biex isiru attivitajiet tat-tagħlim għal finijiet edukattivi, professjonali jew privati, biex jintuża materjal tat-tagħlim online minflok biex isir kors online sħiħ;

— użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur biex isiru attivitajiet tat-tagħlim għal finijiet edukattivi, professjonali jew privati, għal komunikazzjoni mal-għalliema jew mal-istudenti permezz ta' siti web jew portali edukattivi;

— (fakultattiva) użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur biex isiru attivitajiet oħra tat-tagħlim għal finijiet edukattivi, professjonali jew privati;

— użu ta' termostat konness mal-Internet, arloġġ tal-utilità, dwal, plugins jew soluzzjonijiet oħra konnessi mal-Internet għall-ġestjoni tal-enerġija għad-dar tar-rispondent għal finijiet privati;

— użu ta' sistema tal-alarm tad-dar konnessa mal-Internet, detettur tad-duħħan, kameras tas-sigurtà, serraturi tal-bibien jew soluzzjonijiet oħra ta' sigurtà jew sikurezza konnessi mal-Internet għad-dar tar-rispondent għal finijiet privati;

— użu ta' tagħmir domestiku konness mal-Internet bħal pereżempju, vacuums robotiċi, friġis, fran, magni tal-kafè għal finijiet privati;

— użu ta' assistent virtwali fil-forma ta' kelliem intelliġenti jew ta' app għal finijiet privati;

— soluzzjonijiet konnessi mal-Internet għall-ġestjoni tal-enerġija, is-sigurtà tad-dar, soluzzjonijiet tas-sikurezza, apparati domestiċi jew assistenti virtwali mhux użati għal finijiet privati;

— użu tal-Internet ta' televixin konness mal-Internet fid-dar tar-rispondent għal finijiet privati;

— użu tal-Internet ta' console tal-logħob konness mal-Internet fid-dar tar-rispondent għal finijiet privati;

— użu tal-Internet ta' sistema awdjo tad-dar jew kelliem intelliġenti konnessi mal-Internet fid-dar tar-rispondent għal finijiet privati;

— użu ta' arloġġ tal-idejn intelliġenti konness mal-Internet, faxxa tal-fitness, goggles konnessi mal-Internet jew headsets, traċċaturi tas-sikurezza, aċċessorji konnessi mal-Internet, ilbies jew żraben konnessi mal-Internet għal finijiet privati;

— użu ta' tagħmir konness mal-Internet għall-monitoraġġ tal-pressjoni tad-demm, il-livell taz-zokkor, il-piż tal-ġisem (bħal imwieżen intelliġenti) jew tagħmir ieħor konness mal-Internet għas-saħħa u l-kura medika għal finijiet privati;

— użu ta' ġugarelli konnessi mal-Internet, bħal ġugarelli robotiċi (inkluż dawk edukattivi) jew pupi għal finijiet privati;

— użu ta' karozza b'konnessjoni tal-Internet mingħajr wajers inkorporata ġo fiha finijiet privati;

(iii) għall-individwi li użaw l-Internet kuljum jew kważi kuljum f'dawn l-aħħar tliet xhur:

— użu tal-Internet diversi drabi matul il-jum;

(iv) għall-individwi li użaw l-Internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar:

— l-aħħar xiri jew ordni ta' oġġetti jew servizzi bl-Internet (minn siti web jew apps) għal użu privat: qatt ma xtraw jew ordnaw xejn bl-Internet, f'dawn l-aħħar tliet xhur, bejn tliet xhur u sena ilu, aktar minn sena ilu;

(v) għall-individwi li użaw l-Internet għall-kummerċ bl-Internet (xiri jew ordnijiet ta' oġġetti jew servizzi) f'dawn l-aħħar tliet xhur:

— użu tal-Internet għax-xiri ta' ħwejjeġ (inkluż ħwejjeġ tal-isport), żraben jew aċċessorji (bħal basktijiet, ġojjellerija) minn intrapriżi jew persuni privati (inkluż oġġetti użati) permezz ta' sit web jew apps għal użu privat f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri ta' oġġetti tal-isport (għajr ħwejjeġ tal-isport) minn intrapriżi jew persuni privati (inkluż oġġetti użati) permezz ta' sit web jew apps għal użu privat f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri ta' ġugarelli jew oġġetti għall-kura tat-tfal (bħal ħrieqi, fliexken, rombli tat-trabi) permezz ta' sit web jew apps minn intrapriżi jew persuni privati (inkluż oġġetti użati) għal użu privat f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri ta' għamara, aċċessorji tad-dar (bħal twapet u purtieri) jew prodotti tal-ġnien (bħal għodod, pjanti) minn intrapriżi jew persuni privati (inkluż oġġetti użati) għal użu privat f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri ta' mużika bħal CDs, vinyls, eċċ, għal użu privat minn intrapriżi jew persuni privati (inkluż oġġetti użati) f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri ta' films jew serje bħal DVDs, Blu-ray, eċċ, għal użu privat minn intrapriżi jew persuni privati (inkluż oġġetti użati) f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri ta' kotba stampati, magazini jew gazzetti għal użu privat minn intrapriżi jew persuni privati (inkluż oġġetti użati) f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri ta' kompjuters, tablets, mowbajls jew aċċessorji għal użu privat minn intrapriżi jew persuni privati (inkluż oġġetti użati) f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri ta' tagħmir elettroniku għall-konsumatur (bħal settijiet tat-televixin, stereos, kameras) jew apparati domestiċi (bħal magni tal-ħasil) għal użu privat minn intrapriżi jew persuni privati (inkluż oġġetti użati) f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri ta' mediċini u supplimenti tad-dieta bħall-vitamini (għajr it-tiġdid online tar-riċetti) għal użu privat minn intrapriżi jew persuni privati (inkluż oġġetti użati) f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri ta' konsenji minn ristoranti, ktajjen tal-ikel, servizzi ta' catering għal użu privat minn intrapriżi jew persuni privati f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri ta' ikel u xorb minn ħwienet jew mingħand fornituri tal-ikliet għal użu privat minn intrapriżi jew persuni privati f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri ta' kożmetiċi, prodotti tas-sbuħija u l-benesseri għal użu privat minn intrapriżi jew persuni privati (inkluż oġġetti użati) f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri ta' prodotti tat-tindif jew prodotti tal-iġjene personali (bħall-ixkupilji tas-snien, l-imkatar, id-diterġenti tal-ħasil, il-viċċiet tat-tindif) għal użu privat minn intrapriżi jew persuni privati (inkluż oġġetti użati) f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri ta' roti, mopedi, karozzi u vetturi oħra jew il-partijiet tagħhom għal użu privat minn intrapriżi jew persuni privati (inkluż oġġetti użati) f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri ta' oġġetti fiżiċi oħra għal użu privat minn intrapriżi jew persuni privati (inkluż oġġetti użati) f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri jew għall-abbonament tal-mużika bħala servizz tal-istreaming jew bi tniżżil minn sit web jew app għal użu privat f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri jew għall-abbonament tal-films jew tas-serje bħala servizz tal-istreaming jew bi tniżżil minn sit web jew app għal użu privat f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri jew għall-abbonament tal-kotba elettroniċi, magazini online jew gazzetti online minn sit web jew app għal użu privat f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri jew għall-abbonament tal-logħob online jew bi tniżżil għall-mowbajls, għat-tablets, għall-kompjuters jew għall-consoles minn sit web jew app għal użu privat f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri jew għall-abbonament tas-softwer tal-kompjuter jew softwer ieħor bi tniżżil, inkluż aġġornamenti, minn sit web jew app għal użu privat f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri jew għall-abbonament ta' apps relatati mas-saħħa jew l-eżerċizzju fiżiku (għajr l-apps mingħajr ħlas) minn sit web jew app għal użu privat f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri jew għall-abbonament ta' apps oħra (bħal dawk relatati mat-tagħlim tal-lingwi, l-ivvjaġġar, it-temp; għajr l-apps mingħajr ħlas) minn sit web jew app għal użu privat f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri tal-biljetti għal avvenimenti sportivi minn sit web jew app għal użu privat f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri tal-biljetti għal avvenimenti kulturali jew oħrajn (bħaċ-ċinema, il-kunċerti, il-fieri) minn sit web jew app għal użu privat f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri ta' abbonamenti għal konnessjonijiet tal-Internet jew tal-mowbajl minn sit web jew app għal użu privat f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri ta' abbonamenti għall-provvista tal-elettriku, tal-ilma jew tat-tisħin, għar-rimi tal-iskart, jew servizzi simili minn sit web jew app għal użu privat f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri ta' servizzi tad-dar (bħal tindif, babysitting, xogħol tat-tiswija, ġardinaġġ; anke jekk ix-xiri jkun mingħand persuni privati) minn sit web jew app għal użu privat f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri ta' servizzi tat-trasport minn intrapriża tat-trasport bħal karozza tal-linja lokali, biljett ta' titjira jew tal-ferrovija jew taxi minn sit web jew app għal użu privat f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri ta' servizzi tat-trasport minn persuna privata minn sit web jew app għal użu privat f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għall-kiri ta' akkomodazzjoni minn intrapriżi bħal lukandi jew aġenziji tal-ivvjaġġar minn sit web jew app għal użu privat f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għall-kiri ta' akkomodazzjoni minn persuna privata minn sit web jew app għal użu privat f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— (fakultattiva) użu tal-Internet għax-xiri ta' servizzi jew kontenut għajr dawk imsemmija fl-inċiżi (17-32) tal-Anness II, il-Modulu 2(2)(b)(v) (għajr is-servizzi finanzjarji u tal-assigurazzjoni) minn sit web jew app għall-użu privat f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— l-għadd ta' drabi li nxtraw oġġetti jew servizzi bl-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal użu privat: l-għadd ta' drabi, jew fi klassijiet: minn darba (1) sa darbtejn (2), bejn 3 u 5 darbiet, bejn 6 u 10 darbiet, aktar minn 10 darbiet;

— il-valur totali tal-oġġetti jew tas-servizzi (għajr ishma jew servizzi finanzjarji oħra) mixtrija bl-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal użu privat: l-ammont f'euro jew fi klassijiet: inqas minn EUR 50, bejn EUR 50 sa inqas minn EUR 100, bejn EUR 100 sa inqas minn EUR 300, bejn EUR 300 sa inqas minn EUR 500, bejn EUR 500 sa inqas minn EUR 700, bejn EUR 700 sa inqas minn EUR 1 000, EUR 1 000 jew iżjed, mhux magħruf;

— użu tal-Internet għax-xiri ta' poloz tal-assigurazzjoni, inkluż assigurazzjoni tal-ivvjaġġar, anki bħala pakkett flimkien ma', pereżempju, biljett tal-ajru għal finijiet privati f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet biex jinkiseb self jew dejn ipotekarju jew biex jinkiseb kreditu minn banek jew mingħand fornituri oħra tal-finanzjament għal finijiet privati f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu tal-Internet għax-xiri jew għall-bejgħ tal-ishma, bonds, unitajiet f'fondi jew assi finanzjarji oħra għal finijiet privati f'dawn l-aħħar tliet xhur;

(vi) għall-individwi li użaw l-Internet biex jixtru jew jordnaw oġġetti minn sit web jew app minn intrapriżi jew persuni privati, inkluż oġġetti użati, f'dawn l-aħħar tliet xhur:

— l-oriġini: bejjiegħa nazzjonali, bejjiegħa minn pajjiżi oħra tal-UE, bejjiegħa mill-bqija tad-dinja, il-pajjiż tal-oriġini tal-bejjiegħa mhux magħruf;

— oġġetti ordnati minn persuni privati minn sit web jew app;

(vii) għall-individwi li użaw l-Internet biex jixtru servizzi tad-dar minn sit web jew app f'dawn l-aħħar tliet xhur:

— servizzi tad-dar mixtrija minn persuni privati minn sit web jew app;

(c) is-sigurtà u l-fiduċja fl-ICT

(i) għall-individwi li użaw l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur:

— it-twettiq ta' dan li ġej biex jiġi ġestit l-aċċess għad-*data* personali ta' dak li jkun (bħall-isem, id-data tat-twelid, in-numru tal-karta tal-identità, id-dettalji tal-kuntatt, in-numru tal-karta tal-kreditu, ir-ritratti, il-pożizzjoni ġeografika) fuq l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: il-qari tad-dikjarazzjonijiet dwar il-politika tal-privatezza qabel ma tingħata d-*data* personali;

— it-twettiq ta' dan li ġej biex jiġi ġestit l-aċċess għad-*data* personali ta' dak li jkun (bħall-isem, id-data tat-twelid, in-numru tal-karta tal-identità, id-dettalji tal-kuntatt, in-numru tal-karta tal-kreditu, ir-ritratti, il-pożizzjoni ġeografika) fuq l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: aċċess ristrett jew irrifjutat għall-post ġeografiku ta' dak li jkun;

— it-twettiq ta' dan li ġej biex jiġi ġestit l-aċċess għad-*data* personali ta' dak li jkun (bħall-isem, id-data tat-twelid, in-numru tal-karta tal-identità, id-dettalji tal-kuntatt, in-numru tal-karta tal-kreditu, ir-ritratti, il-pożizzjoni ġeografika) fuq l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: aċċess limitat għall-profil jew għall-kontenut f'siti tan-networking soċjali jew tal-ħżin online kondiviż;

— it-twettiq ta' dan li ġej biex jiġi ġestit l-aċċess għad-*data* personali ta' dak li jkun (bħall-isem, id-data tat-twelid, in-numru tal-karta tal-identità, id-dettalji tal-kuntatt, in-numru tal-karta tal-kreditu, ir-ritratti, il-pożizzjoni ġeografika) fuq l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: ir-rifjut tal-permess għall-użu tad-*data* personali għal skopijiet ta' reklamar;

— it-twettiq ta' dan li ġej biex jiġi ġestit l-aċċess għad-*data* personali ta' dak li jkun (bħall-isem, id-data tat-twelid, in-numru tal-karta tal-identità, id-dettalji tal-kuntatt, in-numru tal-karta tal-kreditu, ir-ritratti, il-pożizzjoni ġeografika) fuq l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: il-verifika li s-sit web fejn ir-rispondent ipprovda *data* personali kien sigur (bħas-siti https, il-logo jew iċ-ċertifikat tas-sikurezza);

— (fakultattiva) it-twettiq ta' dan li ġej biex jiġi ġestit l-aċċess għad-*data* personali ta' dak li jkun (bħall-isem, id-data tat-twelid, in-numru tal-karta tal-identità, id-dettalji tal-kuntatt, in-numru tal-karta tal-kreditu, ir-ritratti, il-pożizzjoni ġeografika) fuq l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: talba lill-amministratur u lill-fornitur tas-siti web jew tal-magni tat-tiftix biex ikollhom aċċess għad-*data* li jkollhom dwar ir-rispondent biex jaġġornawha jew iħassruha;

— l-għarfien li l-cookies jistgħu jintużaw biex jiġu rintraċċati l-movimenti tal-utenti fuq l-Internet, biex jinħolqu l-profili ta' kull utent u biex jitfasslu u jintbagħtu reklami apposta għall-utenti;

— tibdil tal-konfigurazzjonijiet fil-brawżer tal-Internet ta' dak li jkun biex ikunu evitati jew limitati l-cookies fuq kwalunkwe wieħed mit-tagħmir tar-rispondent;

— (fakultattiva) tħassib li l-attivitajiet online qed jiġu rreġistrati biex ir-rispondent jingħata reklami mfassla apposta għalih(a): ikkonċernat(a) ħafna, b'xi mod ikkonċernat(a), mhux ikkonċernat(a);

— użu ta' softwer li jillimita l-kapaċità ta' rintraċċar tal-attivitajiet tal-individwu fuq l-Internet fuq kwalunkwe wieħed mit-tagħmir tar-rispondent;

— użu ta' login sempliċi b'isem u password bħala proċedura tal-identifikazzjoni għal aċċess għas-servizzi online minn siti web jew apps (bħal email, kont tal-midja soċjali, ibbankjar bl-Internet, servizzi pubbliċi, ordni jew xiri ta' oġġetti jew servizzi online) għal finijiet privati f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu ta' login tal-midja soċjali għal servizzi oħra bħala proċedura tal-identifikazzjoni għal aċċess għas-servizzi online minn siti web jew apps (bħal email, kont tal-midja soċjali, ibbankjar bl-Internet, servizzi pubbliċi, ordni jew xiri ta' oġġetti jew servizzi online) għal finijiet privati f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu ta' token tas-sigurtà bħala proċedura tal-identifikazzjoni għal aċċess għas-servizzi online minn siti web jew apps (bħal email, kont tal-midja soċjali, ibbankjar bl-Internet, servizzi pubbliċi, ordni jew xiri ta' oġġetti jew servizzi online) għal finijiet privati f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu ta' ċertifikat jew kard tal-identifikazzjoni elettronika li jintużaw pereżempju ma' qarrej tal-kards jew ma' app bħala proċedura tal-identifikazzjoni għal aċċess għas-servizzi online minn siti web jew apps (bħal email, kont tal-midja soċjali, ibbankjar bl-Internet, servizzi pubbliċi, ordni jew xiri ta' oġġetti jew servizzi online) għal finijiet privati f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu ta' proċedura li tinvolvi il-mowbajl ta' dak li jkun (kodiċi li jasal f'messaġġ) bħala proċedura tal-identifikazzjoni għal aċċess għas-servizzi online minn siti web jew apps (bħal email, kont tal-midja soċjali, ibbankjar bl-Internet, servizzi pubbliċi, ordni jew xiri ta' oġġetti jew servizzi online) għal finijiet privati f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu ta' lista ta' kodiċijiet b'pin uniku (bħal kard tal-plastik b'kodiċi, scratch codes, eċċ) jew karattri aleatorji ta' password bħala proċedura tal-identifikazzjoni għal aċċess għas-servizzi online minn siti web jew apps (bħal email, kont tal-midja soċjali, ibbankjar bl-Internet, servizzi pubbliċi, ordni jew xiri ta' oġġetti jew servizzi online) għal finijiet privati f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu ta' proċedura oħra tal-identifikazzjoni elettronika bħala proċedura tal-identifikazzjoni għal aċċess għas-servizzi online minn siti web jew apps (bħal email, kont tal-midja soċjali, ibbankjar bl-Internet, servizzi pubbliċi, ordni jew xiri ta' oġġetti jew servizzi online) għal finijiet privati f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— (fakultattiva) ma tintuża l-ebda proċedura tal-identifikazzjoni elettronika bħala proċedura tal-identifikazzjoni għal aċċess għas-servizzi online minn siti web jew apps (bħal email, kont tal-midja soċjali, ibbankjar bl-Internet, servizzi pubbliċi, ordni jew xiri ta' oġġetti jew servizzi online) għal finijiet privati f'dawn l-aħħar tliet xhur;

— użu ta' smartphone għal finijiet privati;

(ii) għall-individwi li jkunu użaw l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur u smartphone għal finijiet privati:

— użu ta' xi tip ta' softwer jew servizz tas-sigurtà (bħal antivirus, antispam jew firewall) fuq l-ismartphone ta' dak li jkun: installat jew ipprovdut awtomatikament mis-sistema operattiva fuq l-ismartphone użat għal finijiet privati;

— użu ta' xi tip ta' softwer jew servizz tas-sigurtà (bħal antivirus, antispam jew firewall) fuq l-ismartphone ta' dak li jkun: installat jew sottoskritt lilu mir-rispondent jew minn xi ħadd ieħor fuq l-ismartphone użat għal finijiet privati;

— ma ġie installat l-ebda softwer jew servizz tas-sigurtà (bħal, antivirus, antispam jew firewall) fuq l-ismartphone użat għal finijiet privati;

— mhux magħruf jekk ġiex installat xi tip ta' softwer jew servizz tas-sigurtà (bħal antivirus, antispam jew firewall) fuq l-ismartphone użat għal finijiet privati;

— telf ta' informazzjoni, dokumenti, ritratti jew tipi oħra ta' *data* fuq l-ismartphone tar-rispondent bħala riżultat ta' virus jew tipi oħra ta' programmi ostili għal finijiet privati;

— ma kien hemm l-ebda telf ta' informazzjoni, dokumenti, ritratti jew tipi oħra ta' *data* fuq l-ismartphone tar-rispondent bħala riżultat ta' virus jew tipi oħra ta' programmi ostili għal finijiet privati;

— mhux magħruf jekk kienx hemm telf ta' informazzjoni, dokumenti, ritratti jew tipi oħra ta' *data* fuq l-ismartphone tar-rispondent bħala riżultat ta' virus jew tipi oħra ta' programmi ostili għal finijiet privati;

— restrizzjoni jew rifjut tal-aċċess għad-*data* personali (bħal-lokazzjoni, il-lista tal-kuntatt) mill-inqas darba waqt użu jew installazzjoni ta' app fuq l-ismartphone użat għal finijiet privati;

— l-ebda restrizzjoni jew rifjut tal-aċċess għad-*data* personali (bħal-lokazzjoni, il-lista tal-kuntatt) waqt użu jew installazzjoni ta' app fuq l-ismartphone użat għal finijiet privati;

— l-ebda għarfien tal-possibbiltà ta' restrizzjoni jew rifjut tal-aċċess għad-*data* personali (bħal-lokazzjoni, il-lista tal-kuntatt) waqt użu jew installazzjoni ta' app fuq l-ismartphone użat għal finijiet privati;

— l-ebda użu ta' applikazzjonijiet fuq l-ismartphone użat għal finijiet privati;

(iii) għall-individwi li ma ressqux formoli online kompluti fuq is-siti web jew l-apps tal-awtoritajiet pubbliċi għal finijiet privati f'dawn l-aħħar tnax-il xahar, għalkemm kien hemm bżonn jitressqu formoli uffiċjali, ir-raġunijiet għalfejn ma tressqux:

— tħassib dwar il-protezzjoni u s-sigurtà tad-*data* personali f'dawn l-aħħar tnax-il xahar;

— (fakultattiva) nuqqas ta' firma elettronika jew ID/ċertifikat elettroniku (meħtieġa għall-użu tas-servizzi) jew problemi fl-użu tal-firma elettronika jew tal-ID/ċertifikat elettroniku;

(iv) għall-individwi li jkunu użaw l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur u li ma jkunux użaw tagħmir jew sistemi konnessi mal-Internet għall-ġestjoni tal-enerġija, soluzzjonijiet tas-sigurtà jew tas-sikurezza fid-dar konnessi mal-Internet, apparati domestiċi konnessi mal-Internet jew assistenti virtwali, raġunijiet għalfejn ma ntużawx:

— tħassib dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* dwar ir-rispondent iġġenerat minn dawk l-apparati jew sistemi;

— tħassib dwar is-sigurtà, pereżempju li t-tagħmir jew is-sistema jiġu ħħekkjati.

(d) l-ostakli għall-użu tal-ICT u l-Internet

(i) għall-individwi li jkunu użaw l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur u li ma jkunux użaw tagħmir jew sistemi konnessi mal-Internet għall-ġestjoni tal-enerġija, soluzzjonijiet tas-sigurtà jew tas-sikurezza fid-dar konnessi mal-Internet, apparati domestiċi konnessi mal-Internet jew assistenti virtwali, raġunijiet għalfejn ma ntużawx:

— ir-rispondent ma kienx jaf li jeżistu dan it-tagħmir jew dawn is-sistemi;

— ir-rispondent ma kellux għalfejn juża dak it-tagħmir jew is-sistemi konnessi;

— l-ispejjeż huma għoljin wisq;

— in-nuqqas ta' kompatibbiltà ma' tagħmir jew sistemi oħrajn;

— in-nuqqas ta' ħiliet għal użu ta' dak it-tagħmir jew is-sistemi;

— tħassib dwar is-sikurezza jew is-saħħa, pereżempju li l-użu tat-tagħmir jew tas-sistema jista' jwassal għal aċċident, korriment jew problema ta' saħħa;

— raġunijiet oħra.

(e) l-użu tal-ICT minn individwi għall-iskambju tal-informazzjoni u servizzi mal-amministrazzjonijiet governattivi u pubbliċi (il-gvern elettroniku)

(i) għall-individwi li użaw l-Internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar:

— użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar għal finijiet privati, biex tinkiseb informazzjoni mis-siti web jew apps ta' awtoritajiet pubbliċi jew ta' servizzi pubbliċi (għajr emails miktuba bl-idejn);

— użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar għal finijiet privati biex jitniżżlu jew jiġu stampati formoli uffiċjali mis-siti web ta' awtoritajiet pubbliċi jew ta' servizzi pubbliċi (għajr emails miktuba bl-idejn);

— użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar għal finijiet privati biex jitressqu formoli online kompluti lil awtoritajiet pubbliċi jew lil servizzi pubbliċi (għajr emails miktuba bl-idejn);

(ii) għall-individwi li ma ressqux formoli online kompluti fuq is-siti web jew l-apps ta' awtoritajiet pubbliċi għal finijiet privati f'dawn l-aħħar tnax-il xahar:

— ma ressqux formoli kompluti għax ma kienx hemm bżonn titressaq xi formola uffiċjali għal finijiet privati f'dawn l-aħħar tnax-il xahar;

(iii) għall-individwi li ma ressqux formoli online kompluti fuq is-siti web jew l-apps tal-awtoritajiet pubbliċi għal finijiet privati f'dawn l-aħħar tnax-il xahar, għalkemm kien hemm bżonn jitressqu formoli uffiċjali, ir-raġunijiet għalfejn ma tressqux:

— dan is-servizz online ma kienx disponibbli;

— in-nuqqas ta' ħiliet jew għarfien (pereżempju r-rispondent ma kienx jaf juża s-sit web, jew is-sit web kien ikkumplikat wisq);

— (fakultattiva) in-nuqqas ta' rieda li jagħmel ħlas online (pereżempju minħabba l-biża' ta' frodi tal-kard ta' kreditu) jew in-nuqqas ta' abbiltà li jagħmel ħlas online (pereżempju minħabba nuqqas ta' aċċess għal xi wieħed mill-metodi tal-ħlas meħtieġa);

— persuna oħra ressqet formoli online kompluti f'isem ir-rispondent (pereżempju konsulent, konsulent fiskali, qarib jew membru tal-familja);

— raġuni oħra għalfejn ma tressqux formoli online kompluti lill-awtoritajiet pubbliċi.

B. **Kopertura**

(1) L-unitajiet statistiċi għall-karatteristiċi elenkati fil-punt (2) tat-Taqsima A li jikkonċernaw lill-familji huma l-familji li għandhom mill-inqas membru wieħed bejn is-16 u l-74 sena.

(2) L-unitajiet statistiċi għall-karatteristiċi elenkati fil-punt (2) tat-Taqsima A li jikkonċernaw lill-individwi huma individwi ta' bejn is-16 u l-74 sena.

(3) L-ambitu ġeografiku jinkludi lill-familji jew lill-individwi, jew lit-tnejn li huma, li jgħixu f'xi parti mit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

C. **Perjodu ta' referenza**

Il-perjodu ewlieni ta' referenza għall-ġbir tal-istatistika hu l-ewwel kwart tal-2020.

D. **Karatteristiċi kuntestwali soċjoekonomiċi**

(1) Għas-suġġetti u l-karatteristiċi tagħhom, elenkati fil-punt (2) tat-Taqsima A li jikkonċernaw lill-familji, għandhom jinġabru l-karatteristiċi kuntestwali li ġejjin:

(a) ir-reġjun ta' residenza, speċifikat skont il-klassifikazzjoni tar-reġjuni NUTS1;

(b) (fakultattiva) ir-reġjun ta' residenza speċifikat skont il-klassifikazzjoni NUTS2;

(c) il-lok ġeografiku, jiġifieri jekk jgħixux f'reġjun inqas żviluppat, f'reġjun fi tranżizzjoni jew f'reġjun aktar żviluppat;

(d) il-livell ta' urbanizzazzjoni, jiġifieri jekk jgħixux f'żona b'densità kbira tal-popolazzjoni, f'żona b'densità intermedja tal-popolazzjoni jew f'żona b'popolazzjoni żgħira;

(e) it-tip ta' familja, jiġi speċifikat l-għadd ta' membri fil-familja: (fakultattiva) l-għadd ta' persuni li għandhom bejn is-16 u l-24 sena, (fakultattiva) l-għadd ta' studenti li għandhom bejn is-16 u l-24 sena, (fakultattiva) l-għadd ta' persuni li għandhom bejn il-25 u l-64 sena, (fakultattiva) l-għadd ta' persuni li għandhom 65 sena jew aktar u, b'mod separat, l-għadd ta' tfal iżgħar minn 16-il sena, (fakultattiva) l-għadd ta' tfal li għandhom bejn l-14 u l-15-il sena, (fakultattiva) l-għadd ta' tfal li għandhom bejn il-5 u t-13-il sena, (fakultattiva) l-għadd ta' tfal li għandhom 4 snin jew inqas;

(f) (fakultattiva) l-introjtu nett fix-xahar tal-familja, dan għandu jinġabar bħala valur jew bħala faxex kompatibbli mal-introjtu kwartili;

(g) (fakultattiva) l-introjtu nett fix-xahar totali ekwivalizzat tal-familja, trażmess fi kwintili.

(2) Għas-suġġetti u l-karatteristiċi tagħhom, elenkati fil-punt (2) tat-Taqsima A li jikkonċernaw lill-individwi, għandhom jinġabru l-karatteristiċi kuntestwali li ġejjin:

(a) il-ġeneru;

(b) il-pajjiż tat-twelid, jiġi speċifikat jekk il-persuna hix nattiva tal-pajjiż jew twelditx f'pajjiż barrani; jekk din tal-aħħar, irid jiġi speċifikat ukoll jekk il-persuna twilditx fi Stat Membru ieħor tal-UE jew f'pajjiż barra l-UE;

(c) il-pajjiż taċ-ċittadinanza, jiġi speċifikat jekk il-persuna hix ċittadina ta' dak il-pajjiż jew le; jekk din tal-aħħar, irid jiġi speċifikat ukoll jekk il-persuna hix ċittadina ta' Stat Membru ieħor tal-UE jew ta' pajjiż barra l-UE;

(d) l-età, fi snin magħluqa; (fakultattiva) taħt is-16-il sena jew akbar minn 74 sena, jew it-tnejn li huma;

(e) il-livell edukattiv miksub, jiġi speċifikat l-ogħla livell edukattiv miksub b'suċċess skont il-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni (ISCED 2011), jekk dan hux l-aktar livell baxx tas-sekondarja (ISCED 0, 1 jew 2) jew edukazzjoni sekondarja għolja jew edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja (ISCED 3 jew 4), jew edukazzjoni terzjarja (ISCED 5, 6, 7 jew 8), jew inqas mill-edukazzjoni primarja (ISCED 0), jew edukazzjoni primarja (ISCED 1), jew edukazzjoni sekondarja baxxa (ISCED 2), jew edukazzjoni sekondarja għolja (ISCED 3), jew edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja (ISCED 4), jew edukazzjoni terzjarja ta' ċiklu qasir (ISCED 5), jew edukazzjoni fil-livell ta' baċellerat jew ekwivalenti (ISCED 6), jew fil-livell ta' masters jew ekwivalenti (ISCED 7), jew fil-livell ta' dottorat jew ekwivalenti (ISCED 8);

(f) is-sitwazzjoni tal-impjieg, jiġi speiċifikat jekk il-persuna hix impjegata jew taħdimx għal rasha, inkluż il-ħaddiema tal-familja (fakultattiva: impjegata jew taħdem għal rasha full-time, impjegata jew taħdem għal rasha part-time, impjegata, impjegata b'xogħol permanenti jew b'xogħol għal żmien mhux limitat; impjegata b'impjieg temporanju jew b'kuntratt ta' żmien limitat; ħaddiem għal rasu inkluż il-ħaddiema tal-familja);

(g) (fakultattiva) speċifika s-settur ekonomiku tal-impjieg:

| It-Taqsimiet tan-NACE Rev. 2 | Deskrizzjoni |
|---|---|
| A | Agrikoltura, forestrija u sajd |
| B, C, D u E | Manifattura, minjieri u barrieri u industriji oħra |
| F | Kostruzzjoni |
| G, H u I | Negozju bl-ingrossa u bl-imnut, trasport, attivitajiet tal-akkomodazzjoni u tas-servizzi tal-ikel |
| J | Informazzjoni u komunikazzjoni |
| K | Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni |

| It-Taqsimiet tan-NACE Rev. 2 | Deskrizzjoni |
|---|---|
| L | Attivitajiet tal-proprjetà immobbli |
| M u N | Servizzi kummerċjali |
| O, P u Q | Amministrazzjoni pubblika, difiża, edukazzjoni, is-saħħa tal-bnedmin u attivitajiet ta' ħidma soċjali |
| R, S, T u U | Attivitajiet ta' servizzi oħra |

(h) is-sitwazzjoni tal-impjieg, jiġi speċifikat jekk il-persuna hix qiegħda jew hix student li mhux parti mill-forza tax-xogħol, jew li għal xi raġuni oħra mhix fil-forza tax-xogħol, bil-fakultà li jiġi speċifikat jekk il-persuna hix irtirata, jew ħaditx irtirar bikri, jew ċeditx in-negozju, jew jekk għandhiex xi diżabbiltà permanenti, jekk hix f'xi servizz militari jew komunitarju obbligatorju, jew qed twettaq servizz komunitarju, hix qed twettaq xi kompiti domestiċi jew jekk hix inattiva għal xi raġuni oħra;

(i) l-okkupazzjoni skont il-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Impjiegi (ISCO-08), jiġi speċifikat jekk il-persuna hix klassifikata bħala ħaddiem tal-id, ħaddiem mhux tal-id, ħaddiem fl-ICT, ħaddiem mhux fl-ICT u, b'mod fakultattiv, l-okkupazzjonijiet kollha skont l-ISCO-08 b'livell ta' kodifikazzjoni ta' żewġ (2) ċifri.

E. **Perjodiċità**

Id-*data* stipulata f'dan l-Anness għandha tingħata darba għas-sena 2020.

F. **Skadenzi għat-trażmissjoni tar-riżultati**

(1) Ir-rekords tad-*data* individwali, li ma jkunux jippermettu l-identifikazzjoni diretta tal-unitajiet statistiċi kkonċernati, imsemmija fl-Artikolu 6 u fl-Anness II(6) tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 ([1]) għandhom jintbagħtu lill-Eurostat sal-5 ta' Ottubru 2020. Sa dakinhar, is-sett tad-*data* għandu jiġi ffinalizzat, ivvalidat u aċċettat.

(2) Il-*metadata* msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandha tintbagħat lill-Eurostat sal-31 ta' Mejju 2020.

(3) Ir-rapport tal-kwalità msemmi fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandu jintbagħat lill-Eurostat sal-5 ta' Novembru 2020.

(4) Id-*data* u l-*metadata* għandhom jintbagħtu lill-Eurostat, permezz tas-servizzi tal-Punt Uniku ta' Servizz, skont l-istandard tal-iskambju speċifikat mill-Eurostat. Il-*metadata* u r-rapport tal-kwalità għandhom jintbagħtu skont l-istruttura tal-*metadata* standard iddefinita mill-Eurostat.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 49).